MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru. 3/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**SPETTUR CARMELO ABDILLA**

**KONTRA**

**HANI S B ALI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

H S B Ali ta' 22 sena imwieled gewwa Zawia, il-Libja nhar it-18 ta' Ottubru, 1985, bin Salem u Dheiba nee' Qajad Fed, residenti fil-fond imsejjah Sunseeker Hotel, Triq il-Kulpara, Bugibba, detentur tal-passaport li jgib in-numru 518125.0

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar l-1 ta' Jannar, 2006 ghall-habta ta' 1.15am gewwa Triq Sant'Andrija, Pembroke, Triq Elia Zammit, San Giljan; Triq San Gorg, San Giljan; u Triq il-Wilga, San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, billi dolozament bil-hsieb li jikkometti omicidju jew li jqieghed il-hajja f'periklu car tas-Surgent 698 S Tabone, PC 1606 R Vassallo, PC 214 L Bonello, PC 248 Anthony Axiaq, u Shaun Vassallo mill-Birgu, Borg Monika mill-Mosta, u Analise Said minn Haz-Zebbug, Malta, tentattiv ta' omicidju li ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan ai termini tal-Artikoli 41(a) u 211, 212 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car ta' PC 1606 Shaun Tabone u PC 248 Anthony Axiaq, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija u kkagunalhom offizi ta' natura gravi kif iccertifikat DR J Micallef Ellul MD tal-Isptar San Luqa, u Monika Borg mill-Belt Valletta hekk kif iccertifikat Dr Johann Ellul MD tal-Isptar San Luqa, u dan ai termini tal-Arikoli 214, 215, 216, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Analise Said hekk kif iccertifika Dr Moses Camlleri MD, Shaun Sullivan skond kif iccertifika Dr Moses Camilleri MD tal-Isptar San Luqa, u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli attakka jew ghamel vjolenza b'rezistenza jew hebb ta' xorta li titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jezegwixxu l-esekuzzjoni tal-Ligi u cioe' fuq il-persuni ta' l-imsemmi ufficjali tal-Korp tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi iktar 'il fuq u diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artikoli 92, 96, u 98 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb sabiex jingurja jew hedded sabiex jaghmel offiza fuq persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu f'esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u cioe' fuq l-istess membri tal-Pulizija imsemmija fl-ewwel (1) akkuza ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni ordnati minn servizz pubbliku, jew ma halliehomx jew fixkel lill-Ufficjali tal-Pulizija imsemmijin iktar 'il fuq waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod indahal f'xogholhom, ai termini tal-Artikoli 18 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gewwa St Andrew's, San Giljan, Paceville, u diversi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni RSE 310 tal-ghamla Toyota meta kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku jew droga, u barra minn dan irrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs fuq il-post tal-incident u meta gie mitlub sabiex jaghti il-kampjun tan-nifs gewwa l-Kwartieri Genreali tal-Pulizija, u dan meta hu kien gie imwissi fiz-zewg kazijiet li jekk jirrifjuta li jaghti dan il-kampjun tan-nifs dan jikkostitwixxi reat;

8. U aktar talli fl-istess lok, data, u cirkostanzi saq l-istess vettura imsemmija b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

9. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura bin-numru tar-registrazzjoni RSE 310 tal-ghamla Toyota minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan mill-awtorita' kompetenti u minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni;

10. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni RSE 310 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Carmela Muscat mill-Mellieha, u kif

ukoll vettura bin-numru tar-registrazzjoni CHA 543 tal-ghamla Daihatsu ghad-dannu ta' Carmel Cassar minn Haz-Zebbug, Malta u dan ai termini tal-Artikoli 325 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat ix-xhieda kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 92, 96, 98, 95, 338(ee), 325, 328, 17(b)(c), 20, 23, 30, u 533 tal-Kodici Kriminali;
L-Artikoli 15(1)(a), (2), (3), 15A(1)(2), u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 3, 20, 22, u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Dicembru 2006, 18 ta' Jannar, 2007, u tat-8 ta' Frar 2007, u n-noti tal-Avukat Generali datati 11 ta' Jannar 2007 u 13 ta' Marzu 2007;

Wara li rat l-Artikoli indikati mill-Avukat Generali baqghu ma nqrawx, peress illi l-imputat baqa' ma deherx;

Wara li rat li l-imputat kien ghamel ghaxar xhur mizmum il-habs taht arrest preventiv;

Wara li rat li l-Prosekuzzjoni, ghal iktar minn sena shiha, ma rrintraccatx lill-imputat, u ma sabet ebda informazzjoni dwaru.

Tiddikkjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------